# BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 15 ta' Gunju 2001**

**Rikors numru 14/00**

**Numru 45**

**L-Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Espedito Spiteri u Ignazia Spiteri**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, wara li ppremetta illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 26 ta' Ottubru 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Haz-Zabbar tal-kejl ta' circa 294 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Mary Miller u ohrajn, mill-Majjistral ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' proprjeta' tal-Gvern, huwa ta' mija tmienja u disghin Lira Maltin (Lm198.00) kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred. H. Valentino A&CE tal-11 ta' Ottubru 1999 li kopja tieghu Dok A huwa anness mal-avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab bir-rispett li dan il-Bord joghgbu, jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera il-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap.88).

Ra l-atti kollha tal-kaz, inkluzi r-risposta tal-intimati (a fol 12 tal-istess atti) kif ukoll il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2001 (fol 14 ibid) minn fejn jirrizulta li l-intimati <u>accettaw</u> il-kumpens offrut mir-rikorrenti ossija <u>Lm198</u>.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi kif gie premess, ir-rikorrenti permezz tal-Avukat Difensur taghhom, iddikjaraw waqt is-smiegh ta' dan il-kaz, illi qed jaccettaw l-ammont offrut mir-rikorrenti bhala kumpens ghax-xiri assolut, bhala libera u franka, tal-bicca art f'Haz-Zabbar murija fuq il-pjanta annessa fol 5 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa' it-talbiet tar-rikorrenti u:

1) jordna lill-intimati sabiex jittrasferixxi favur ir-rikorrenti b'titolu ta' xiri assolut u bhala libera u franka, il-bicca art f'Haz-Zabbar murija fuq il-pjanta a fol 5 tal-atti; liema pjanta ghanda tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

2) jiffissa l-ammont ta' kumpens relattiv ghal dan fis-somma ta' Lm198;

3) jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli sabiex jippublika l-att relattiv fid-Dipartiment tal-Art nhar it-23 ta' Lulju 2001 fid-9.a.m. jinnomina bhal kuratur ghall-eventwali kontumaci lill-Avukat Dottor Richard Sladden bil-jedd li dan jipoteka, b'ipoteka generali, il-beni kollha, presenti u futuri, tal-istess intimati in konnessjoni mal-pacifiku pussess tal-istess bicca art;

In rigward l-ispejjes ta' dan ir-rikors, dawn ghandhom jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg